# Il-ħames isqfijiet[1] li jintramaw fi Pjazza Reġina

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**

Fil-pjazza ta' quddiem il-Bibljoteka Nazzjonali jintramaw ta' kull sena l-istatwi xogħol Karlu Darmanin ta' ħames isqfijiet. Minnhom wieħed biss huwa Karmelitan, iżda t-tlieta l-oħra wkoll b'xi mod taw kontribut, min ftit min ħafna, fit-tixrid tad-devozzjoni Marjana u fuq it-tagħlim dwar il-Madonna.

**Telesforu, Isqof ta' Ruma (+c.136)**

L-ewwel persunaġġ li għex minn dawn l-erba' huwa Telesforu, isqof ta' Ruma[2], li mil-lista tal-papiet nafu li kien it-tmien wieħed, is-seba' suċċessur ta' San Pietru. Fuqu ma tantx nafu, għajr dak li nsibu fil-Liber Pontificalis (li ħafna minnu hu mibni fuq leġġendi), u dak li jgħid San Irenew meta jitkellem fuq is-suċċessjoni tal-Isqfijiet.

Ewsebju ta' Ċesarija jitkellem ukoll fuqu, iżda l-informazzjoni joħodha minn Irenew. Tajjeb ngħidu li Irenew għex madwar sittin sena wara Telesforu, għalhekk l-informazzjoni li jagħtina tista' titqies bħala korretta.

Telesforu sar isqof ta' Ruma lejn is-sena 126 u dam fis-siġġu ta' Pietru għal madwar għaxar snin. Ewsebju jpoġġi l-bidu tal-pontifikat tiegħu fit-tnax-il sena tal-imperatur Adrijanu u jgħid li miet fl-ewwel sena tal-imperatur Antoninu Piju. Tul żmienu bħala isqof ta' Ruma hu kien magħruf għall-predikazzjoni qawwija tiegħu. Tajjeb niftakru li Ruma tat-tieni seklu kienet ċentru ta' tagħlim imħawwad u ta' ereżiji, apparti n-nuqqas ta' sigurtà għall-insara minħabba li l-imperu kien għadu jarhom bħala setta perikoluża. Jista' jkun li l-kaġun tal-martirju ta' Telesforu kien proprju minħabba li kliemu kien qed iwassal lil ħafna biex jitilqu l-paganiżmu u l-ereżiji u jsiru Nsara. Dwar il-martirju tiegħu nistgħu nitkellmu b'ċertezza minħabba li dan huwa mixhud minn Irenew, li kif għedna kiteb madwar sittin sena wara l-ġrajjiet.

Mhux wisq huwa magħruf fuq ħajtu qabel mar Ruma. Mill-ħjiel li għandna mill-istoriċi ekkleżjastiċi nafu li twieled fir-reġjun tal-Calabria f'Terranova da Sibari u li għadda żmien jgħix waħdu bħala eremita qabel tela' 'il fuq lejn il-belt tal-imperu. Huwa f'dan l-aspett li nistgħu nifhmu r-rabta li għandu mal-Ordni tal-aħwa tal-Karmel. Tajjeb niftakru li l-bidu tal-Ordni Karmelitan kien meta grupp ta' eremiti li kienu jgħixu fuq il-Karmel skont l-ispirtu ta' Elija ingħaqdu flimkien u bdew jgħixu ħajja komunitarja waqt li jirrispettaw il-mumenti ta' silenzju u ta' solitudni. Xi leġġendi Karmelitani jgħidu li Telesforu għadda xi żmien jgħix hemm ukoll, imma dwar dan m'għandniex provi storiċi ċari. Madanakollu ladarba kien jgħix ħajja ta' eremita – anke jekk dan għamlu f'Terranova da Sibari – il-patrijiet xorta jaraw fih l-ispirtu ta' Elija li kien il-mutur tal-Ordni, u għalhekk Telesforu ġie meqjus bħala l-ewwel Papa b'għeruq Karmelitani.

Leġġendi oħra marbutin ma' ħajtu huma li hu kien il-kittieb tal-*Gloria in excelsis Deo*, li beda l-quddiesa ta' nofsillejl tal-Milied, li waqqaf ir-Randan bħala 40 jum ta' tħejjija, imma dwar dawn hemm id-dubji wkoll. Ħaġa li nafu fiż-żgur, però, ġejja minn ittra tal-Papa Vittorju I li għex madwar sittin sena wara Telesforu: fiha Vittorju – li qajjem kontroversja għax skomunika lil min ma kienx jiċċelebra l-Għid nhar ta' Ħadd – isemmi lil Telesforu u jgħid li dan l-isqof bikri ġa kien jiċċelebra l-Għid tal-Mulej fil-ġurnata tal-Ħadd u mhux mal-Lhud fl-14 ta' Nisan. Irenew ikompli jlaħħam din l-informazzjoni u jgħidilna li Telesforu, minkejja li kien jiċċelebrah il-Ħadd, xorta waħda żamm lill-oħrajn fil-komunjoni mal-Knisja, għad-differenza li għamel Vittorju, li skomunikhom.

Telesforu miet martri lejn is-sena 136, probabilment billi qatgħulu rasu. Irinew

jgħidilna li sofra martirju glorjuż, u dan id-dettall jagħtina ċ-ċertezza mill-martirju tiegħu; hu fil-fatt l-ewwel isqof ta' Ruma wara Pietru li nafu biċ-ċert li miet martri.

**Djonisju, Isqof ta' Ruma (+268)**
Madwar mija u tletin sena wara Telesforu nsibu lil Djonisju bħala isqof ta' Ruma. Il-Papa ta' qablu kien Sistu II, li nqatel tul il-persekuzzjoni ta' Valerjanu I. Wara l-mewt ta' dan, l-imperatur il-ġdid, Galljenu, ħareġ editt ta' tolleranza favur l-insara u għal kważi 40 sena l-Knisja għexet fil-paċi. Djonisju nħatar Papa fil-bidu ta' dan il-perijodu u kellu l-biċċa xogħol xejn faċli li jerġa' jorganizza l-Knisja bħala istituzzjoni wara l-ħerba li ħalliet il-persekuzzjoni. Ħabba f'hekk huwa meqjus bħala wieħed mill-Papiet l-aktar importanti tat-tielet seklu.

Għal darb'oħra r-rabta ta' dan il-persunaġġ mal-Ordni hu minħabba l-possibiltà li hu kien eremita qabel sar presbiteru f'Ruma.

Fi żmienu r-rwol ta' Papa, bħala l-Isqof ta' Ruma li kellu l-awtorità jestendi qawwietu anke fil-patrijarkati l-oħra, ġa kien definit. Fil-każ ta' Djonisju dan jidher ċar ħafna f'kuntesti differenti. L-ewwel nett hu spiss bagħat il-flus lill-knejjes tal-Kappadoċja – li kienu taħt il-patrijarkat ta' Antjokja – biex jerġgħu jinbnew wara l-invażjonijiet tal-Goti. It-tieni din l-awtorità papali tidher ukoll f'diversi okkażjonijiet fejn hu ħa passi dixxiplinarji kontra isqfijiet u patrijarki oħra meta dawn xerrdu xi tagħlim żbaljat.

L-aktar każ magħruf huwa meta l-patrijarka ta' Lixandra, li wkoll kien jismu Djonisju, inqabad jikteb li l-Missier u l-Iben huma żewġ entitajiet kompletament distinti minn xulxin; dan kien għamlu għax żewġ monaċi Eġizzjani – Ammonju u Ewfranor – kienu qalu li huma l-istess entità li tidher b'modi differenti[3]. Il-problema bil-mod kif attakka dan it-tagħlim żbajat il-patrijarka ta' Lixandra kienet għax hu pinġa l-Missier u l-Iben bħala żewġ allat! Djonisju ta' Ruma, biex jiddefendi l-uniċità divina ndaħal fil-kwistjoni, sejjaħ sinodu f'Ruma lejn is-sena 260 u spjega kif minkejja li huma żewġ persuni distinti, xorta waħda kellhom l-istess natura[4].

Apparti minn dan il-każ, kien hemm ieħor li seħħ f'Samosata, li wkoll kienet tagħmel parti mill-patrijarkat ta' Antjokja. Presbiteru minn hemm, Pawlu, kien qiegħed ixerred it-tagħlim li l-iben ma kellux l-istess natura bħall-Missier għax kien bniedem bħall-oħrajn, imwieled mill-unjoni bejn raġel u mara, imma li ġie adottat mill-Missier u mgħolli għad-divinità fil-mument tal-magħmudija. Meta s-sinodu li sar f'Antjokja fis-sena 262 kkundanna lil Pawlu, il-Papa ta' Ruma ġie infurmat kif kienet il-prassi.

Djonisju miet fis-sena 268 l-għada tal-Milied u ndifen fil-kripta tal-Papiet fil-katakombi ta' San Kallistu.

**Ċirillu, Patrijarka ta' Lixandra (c376-444)**
Bla dubju l-persunaġġ minn dawn l-erbgħa bl-ogħla profil fl-istorja tal-Kristjaneżmu huwa Ċirillu l-Patrijarka ta' Lixandra. Tajjeb ngħidu fil-bidu illi l-patrijarkat ta' Lixandra kien l-aktar wieħed sinjur u l-aktar wieħed qawwi fl-ewwel sitt sekli, b'qawwa u għana li kienu jiżbqu anke lil dak ta' Ruma. L-unika vantaġġ li kellu l-isqof ta' Ruma kien li hu biss kien jitqies bħala s-suċċessur ta' Pietru, u għalhekk kellu awtorità morali fuq il-patrijarkati l-oħra.

Fis-sena 412 Ċirillu sar is-suċċessur ta' zijuh Teofilu, li tant kien għolla l-istatus tal-patrijarkat li l-patrijarka ta' Lixandra minn żmienu beda jissejjaħ il-Fargħun Nisrani. Dak iż-żmien ir-rivalità bejn il-patrijarkati ta' Lixandra u ta' Antjokja kienet fl-aqwa tagħha u ġara li bħala patrijarka ta' Kostantinopli ntgħażel Ġwanni Kriżostmu, li kien minn Antjokja. Teofilu għamel minn kollox biex jeqirdu u kien ħtija tiegħu li Kriżostmu ġie depost u miet fl-eżilju. Ftit tas-snin wara l-istorja kellha tirrepeti ruħha, u din id-darba l-protagonisti kellhom ikunu neputih Ċirillu u l-patrijarka ta' Kostantinopli Nestorju, li kien ukoll minn Antjokja, imma dwar dan nitkellmu ftit 'il quddiem.

L-istoriċi tal-Kristjaneżmu ma tantx ipinġu lil Ċirillu b'kuluri pożittivi: fil-bidu tat-tmexxija wera lilu nnifsu bħala persna b'temperament negattiv, ġellied, mgħaġġel u vjolenti. L-ewwel ma għamel kien li għalaq il-knejjes kollha tan-Novazjani[5]; imbagħad qajjem diversi rewwixti



Andrea Corsin, Isqof ta' Fiesole




Ċirillu, Patrijarka ta' Lixandra



Djonijsu, Isqof ta' Ruma



Telesforu, Isqof ta' Ruma

kontra l-Lhud u l-pagani ta' Lixandra, iġġieled mal-prefett imperjali Oreste u probabilment kien imdaħħal ukoll fil-qtil ta' Ipazja, filosfa neo-Platonika rispettata u miġjuba ħafna minn kulħadd. Il-bidu tiegħu għalhekk kien kollox ħlief feliċi.

Ġara mbagħad li fis-sena 428 Nestorju ta' Antjokja sar patrijarka ta' Kostantinopli. Fl-omeliji u fil-kitbiet tiegħu Nestorju kien jagħmel distinzjoni ċara bejn Ġesù Kristu bħala bniedem u Kristu bħala l-Iben ta' Alla, b'mod li ħafna nies bdew jifhmu u jemmnu li Ġesù u Kristu kienu żewġ persuni diversi[6]. Nestorju għalhekk kien tal-parir biex Marija ma tissejjaħx theotokos (omm Alla), imma christotokos (omm Kristu), dan wassal għal aktar taħwid fl-imħuħ għax dehret aktar ċara bejn id-distinzjoni bejn l-Iben ta' Marija u l-Iben ta' Alla. Ċirillu uża l-injuranza tan-nies bħala għodda biex lil Nestorju jwarrbu min-nofs. U kien grazzi għalhekk li tibda l-era tad-deheb ta' Ċirillu: f'kitbietu u fil-predikazzjoni tiegħu mibdijin minn dan id-diżgwid joħroġ tagħlim mill-isbaħ u mill-aktar profond dwar it-tieni persuna tat-Trinità u dwar l-Omm imqaddsa ta' Alla.

Fis-sena 431 sejjaħ konċilju fil-belt ta' Efesu li fih – għalkemm mhux b'mod għal kollox 'leġittimu' skont il-kriterji tal-konċilji – wassal għall-kundanna ta' Nestorju bħala eretiku mill-agħar; sena wara l-Papa Sistu III aċċetta u kkonferma l-atti tal-konċilju u hu għalhekk li dan ġie aċċettat minkejja li kiser in-normi ta' kif konċilju għandu jitmexxa. Dan kellu jkun il-konċilju li fih ġiet definita l-ewwel domma Marjana – dik tal-maternità divina tagħha.

L-għajta ta' Ċirillu, li biha wasal fejn ried, kienet li Marija għandha tissejjaħ Omm Alla għax dak li tnissel fiha kien l-istess Alla, u mhux bniedem distint min-natura divina[7]. Din hija probabilment ir-raġuni għala Ċirillu huwa assoċjat mal-Ordni Karmelitan, proprju għall-kontribut kbir li ta biex Marija tingħaraf bħala Omm Alla, kif tassew hi. Barra minn hekk kull student Karmelitan fl-imgħoddi kien ikollu altar jew ċenobju ddedikat lil San Ċirillu, proprju għax huwa grazzi għalih aktar minn kulħadd li lil Marija narawha bħala Omm.

Wara l-Konċilju ta' Efesu Ċirillu għex għal madwar 13-il sena oħra, li fihom il-kontroversji ma naqsux. L-agħar waħda li kien imdaħħal fiha kienet kontinwazzjoni tal-argumenti li ppreżenta favur il-maternità divina ta' Marija: biex jiddefendi l-uniċità tal-persuna ta' Kristu kontra d-duwalità li ppropona Nestorju, Ċirillu wasal biex prattikament ċaħad in-natura umana tal-Iben u ħoloq l-ereżija magħrufa bħala tal-monofiżiti, li ġiet iċċarata mill-Papa Ljun il-Kbir fis-sena 449, imma li mbagħad reġgħet feġġet taħt forom ġodda mitejn sena wara.

**Andrea Corsini, Isqof ta' Fiesole (1302-1374)**

L-aħħar wieħed li għex, u li nistgħu ngħidu hu l-uniku minn dawn l-erbgħa li għandu rabta proprjament Karmelitana huwa San Andrea Corsini, li għex fl-erbatax-il seklu.

Andrea twieled fi ħdan familja għanja u magħrufa ġewwa Firenze, l-aktar belt importanti fl-Italja f'dak li għandu x'jaqsam ma' arti u kultura. Iż-żmien li fih għex kien iż-żmien tad-deheb ta' din il-belt, meta għexu kittieba kbar bħal Dante Alighieri u Francesco Petrarca u artisti bħal Giotto. Ma tantx huwa magħruf dwar żgħożitu ħlief li kien ġuvni fuq tiegħu u xxellerat.

Fl-1318 għadda minn xi esperjenza – mhux magħrufa – li bidlitlu ħajtu u għażel li jsir reliġjuż Karmelitan u daħal fil-kunvent ta' dawn l-aħwa f'Firenze. L-ewwel ħjiel kontemporanju għalih li għandna dwar ħajtu ġej mis-sena 1338, meta kellu kariga importanti fil-kunvent. Wara għadda xi żmien f'Pisa imbagħad fl-1344 ġie maħtur konsultur tal-kunvent f'Firenze. Fl-1348 mar f'Metz fi Franza għall-kapitlu ġenerali tal-Ordni u hemm intgħażel bħala Provinċjal tal-kunventi tat-Toscana. Din il-kariga ma kellux igawdiha wisq għax tard fis-sena 1349 il-Papa Klement VI għażlu bħala isqof ta' Fiesole.

Iż-żmien kemm dam Provinċjal kien wieħed diffiċli minħabba l-imxija tal-pesta bubonika li ħakmet ħafna mill-Ewropa. Mill-provinċja tiegħu mietu aktar minn mitt patri, imma xorta waħda rnexxielu jkompli l-proġett li kien

inbeda ftit qabel: il-knisja tal-Karmnu ġewwa Firenze. Sa żmienu, l-isqfijiet ta' Fiesole kienu jgħixu f'Firenze minħabba l-prestiġju li kellha din il-belt u n-nuqqas ta' importanza li kellha l-oħra... imma Andrea mill-ewwel kiser din it-tradizzjoni u, minkejja li l-Katidral ta' Fiesole u l-Palazz Episkopali ta' miegħu kienu qed jheddu li jaqgħu minħabba l-ħsarat li kellhom, xorta waħda għażel li jgħix mal-poplu li Alla fdalu f'idejh.

Bih għalhekk beda żmien sabiħ ta' amministrazzjoni u pastorali mill-aqwa għal Fiesole. Naqqas kemm felaħ mill-ispejjeż li jikkonċernaw lilu bħala isqof, u daħħal miegħu żewġ Karmelitani biex ikun jista' jibqa' jgħix ħajja monastika. Barra minn hekk kien jidher barra man-nies liebes ta' Karmelitan mhux ta' isqof. Ħadem ħafna biex iġedded lill-kleru li kellu taħtu: spiss kien jagħmel il-viżti fil-parroċċi, u kien jimxi b'id tal-ħadid mas-saċerdoti li kienu jgħixu ħajja li ma tixraqx lill-ordni sagri li rċevew, kif ukoll ma' dawk li kienu jiskaraw il-parroċċi fdati f'idejhom.

L-imħabba tiegħu lejn il-poplu, speċjalment il-fqar, jidher sa mill-ewwel dokment li ħareġ hu bħala isqof: fih talab li d-dħul ta' diversi fondazzjonijiet imur għall-bżonnijiet ta' dawn, speċjalment dawk li spiċċaw tilfu kollox minħabba l-imxija tal-pesta. Barra minn hekk ħa ħsieb ukoll jirrestawra ħafna bini ekkleżjastiku li kien irvinat, waqqaf xi komunitajiet reliġjużi sew ta' rġiel kif ukoll ta' nisa u ħadem kemm felaħ biex il-katidral ta' Fiesole jsir ċentru sabiħ u għani li jilqa' fih lil kulħadd. Kien magħruf għall-imħabba li kellu lejn il-paċi u għall-ġudizzju rett li kellu, tant li ħafna kienu jfittxu l-parir tiegħu, anke nobbli minn bliet oħra bħal Firenze, Prato u Pistoia.

L-isqof Corsini miet fis-6 ta' Jannar 1374 u ndifen ġewwa Fiesole, minkejja li kien ħalla fit-testment li xtaq jindifen fil-Karmnu ta' Firenze. L-Isqof ta' warajh kien ħuh Neri Corsini, li ta permess lir-reliġjużi ta' Firenze jmorru Fiesole fit-2 ta' Frar u jisirqu l-katavru tiegħu mill-qabar. Wara ostensjoni ta' tlett ijiem ġewwa Firenze, indifen fejn xtaq hu. Grazzi għall-ħafna mirakli li għamel, speċjalmet ir-rebħa tal-battalja bejn Anghiari u Piccinino fl-1440 wasslu għall-beatifikazzjoni tiegħu. Imbagħad ġie kanonizzat mill-Papa Urbanu VIII fl-1629.

**Ljun XIII, Isqof ta' Ruma (1810-1903)**

Il-figura ċentrali hija dik tal-Papa Ljun XIII li mexxa l-Knisja mis-sena 1878 sa mewtu fl-1903. Kien żmien ta' ħafna riformi u ideat ġodda, li bil-għerf ta' dan il-Papa il-Knisja għarfet timxi magħhom bl-aħjar mod li setgħet.




Ljun XIII, Isqof ta' Ruma

Ljun twieled bl-isem ta' Vincenzo Gioacchino Raffaele Luigi Pecci ġewwa Carpineto Romano f'familja nobbli. Ommu rabbiet lilu u lil ħuh Giuseppe fil-fidi b'dedikazzjoni kbira. Fl-1828 daħal fl-Kumpanija tal-Ġiswiti. Ftit snin wara l-Provinċjal ħatru bħala amministratur f'Benevento fejn kellu jaħdem bis-sħiħ kontra l-Mafia u l-Camorra li ġa kienu jeżistu. Wara ntbagħat ukoll fi Spoleto u f'Perugia, dejjem fuq xogħol kontra l-korruzzjoni[8] fejn baqa' magħruf għar-rettezza tiegħu.

Fl-1843 sar Nunzju tal-Belġju u tliet snin wara sar l-Arċisqof ta' Perugia. Il-ħidma soċjali u karitattiva li kien jagħmel ma' diversi oqsma baqgħet imsemmija. Meta fi żmien ir-

Risorgimento nqala' l-inkwiet bejn it-truppi ta' Garibaldi u l-Papa Piju IX minħabba li riedu – u rnexxielhom – jisirqu l-Istati Pontifiċji biex tingħaqad l-Italja, Vincenzo żamm mal-Papa, għalkemm kien kollu għalxejn. Grazzi għall-kwalitajiet amministrattivi li kellu, hu kien wieħed mill-équipe li qabbad il-Papa biex jorganizzaw il-Konċilju Vatikan I, li baqa' qatt ma ntemm uffiċjalment minħabba l-invażjoni tal-Garibaldini f'Ruma.

Mal-mewt tal-Papa fl-1878, Vincenzo nħatar bħala suċċessur u ħa l-isem ta' Leo. Kellu jkun l-ewwel Papa li tkellem fuq ir-radju u li tiegħu għandna reġistrazzjoni tal-vuċi, l-ewwel papa li deher fuq film. Fi żmienu rnexxielu jġib ħafna ordni u serenità fil-Knisja bħala istituzzjoni wara t-taqlib li nqala fi żmien il-Papa Piju IX.

Aspett mhux tant magħruf fuq il-Papa Ljun XII hu li kellu Marjoloġija żviluppatissima. Bħala devot kbir tal-Madonna ma setax jonqos li jsemmiha spiss fil-kitbiet tiegħu; kiteb biss biss ħdax-il enċiklika fuq ir-rużarju u beda d-drawwa li jingħad ir-Rużarju kuljum fix-xahar ta' Ottubru u kien hu li waqqaf il-festa tal-Madonna Sultana tar-Rużarju Mqaddes fil-Knisja kollha. Sena wara li beda l-Pontifikat ħabat il-15-il anniversarju mill-proklamazzjoni tad-domma tal-Immakulata, u fl-enċiklika li ħareġ jitkellem fuq ir-rwol tagħha fis-salvazzjoni tal-bnedmin u jirreferi għall-Madonna – għall-ewwel darba bla tlaqliq – bħala ko-redendriċi u medjatriċi.

Apparti dan kollu, il-Papa Ljun XIII għandu wkoll rabta mal-Karmelu. Kien bil-permess tiegħu li fl-1881 seta' jiġi inkurunat il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, l-ewwel wieħed inkurunat f'pajjiżna, u kien ukoll grazzi għalih li fl-1895 il-Karmu tal-Belt sar bażilika minuri b'digriet li ħareġ fl-14 ta' Mejju. B'hekk nistgħu ngħidu li dan il-Papa rabat ismu għal dejjem mhux biss mal-knisja tal-Karmelitani fil-Kapitali, imma wkoll mad-devoti kollha tal-Madonna tal-Karmnu f'Malta.

**Referenzi**

[1] Dawn huma magħrufin bħala l-'papiet', imma fir-realtà tnejn minnhom biss huma papiet; it-tnejn l-oħra huma kittieba li taw kontribut kbir fil-Marjoloġija.

[2] It-titlu ta' 'Papa' fl-ewwel sekli kien jingħata lill-isqfijiet kollha, u ntuża għall-ewwel darba b'referenza għall-Patrijarka Eraklas ta' Lixandra f'nofs it-tielet seklu. Kien aktar tard li dan beda jintuża esklussivament għall-isqof ta' Ruma. Sa tmiem it-tieni seklu diffiċli ħafna nitkellemu fuq 'Papa' meta nirreferu għall-mexxejja spiritwali tal-Belt Eterna minħabba li l-isqof ta' Ruma kellu awtorità biss fuq il-patrijarkat ta' Ruma li kien jinkorpora l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, u ma kellux privileġġi ogħla mill-patrijarki l-oħrajn, dawk ta' Lixandra u ta' Antijokja, u li fihom ma kellux awtorità jindaħal. L-ewwel każ ta' isqof ta' Ruma li estenda l-awtorità tiegħu 'il barra mill-Ewropa kien dak ta' Vittorju I li fis-sena 195 skomunika lill-insara li kienu jiċċelebraw il-Għid fl-istess ġurnata mal-Lhud.

[3] F'kuntesti oħra din it-teorija kienet magħrufa bħala l-ereżija ta' Sabellju li kien jgħid li d-divinità hija waħda li tidher daqqa bħala l-Missier, daqqa bħala l-Iben u daqqa bħala l-Ispirtu.

[4] Dan imbagħad kellu jiġi definit aktar ċar fil-konċilju ta' Niċea fis-sena 325.

[5] Dawn kienu insara bħall-oħrajn, imma kienu d-dixxendenti ta' dawk l-insara li tul il-persekuzzjoni ta' 260 sena qabel kienu żammew sħiħ u baqgħu jħarsu bl-ikrah lejn id-dixxendenti ta' dawk li kienu ċaħdu l-fidi biex isalvaw ħajjithom.

[6] Dan ma kienx il-ħsieb ta' Nestorju; ħsiebu kien li joħroġ distinzjoni bejn iż-żewġ naturi mhux li joħloq distinzjoni fil-persuna! Imma n-nies fehmu ħażin u Ċirillu approfitta minn dan biex jakkużah li qed iwassal tagħlim eretiku.

[7] Ironikament fl-istatwa ta' Darmanin li tintrama fi Pjazza Reġina Ċirillu għandu f'idejh ktieb miftuħ li fih miktub "MARIJA HIJA OMM ĠESÙ" li hija eżattament l-oppost ta' dak li uża l-istess Ċirillu biex spjega l-maternità divina ta' Marija!

[8] Niftakru li dawk kollha kienu stati papali.